# TIEG FIL CARNIVAL

## COMMEDIA

IN DUE ATTI

DI

## CARMELO CAMILLERI

—Scritta nel 1858—




MALTA

Tip. Gaetano Borg

1885.

# PERSONAGGI

Sebastiano, Negoziante

| | |
|---|---|
| Paolina<br>Annetto | suoi nipoti |

Luigi, Amante di Paolina.

Remidio, Benestante

Vittorio, Barbiere

Filomeno, Servo di Sebastiano.

Un Notajo.

UNIVERSITY OF MALTA
-MAIN LIBRARY-

# ATTO PRIMO

Camera di SEBASTIANO con porta a destra. In fondo un letto a sinistra ed un tavolino a destra con sopra un lume acceso ed alcuni libri ; più avanti una poltrona e due sedie. Una finestra di prospetto dalla quale scorgesi una casa con altra finestra aperta, ove la sala sarà illuminata per un ballo. Sono le ore 9 di notte.

## SCENA PRIMA

Paolina con lettera in mano passeggia per la camera; Filomeno impaziente attende la risposta. Annetto seduto vicino il tavolo con forbice tagliando carte.

FIL. *(da se)* L' ittra li baghtila is-sur Uigi bil-fors fiha xi hagia ! Ara x' ticciaklak mindu krata !

PAO. *(da se)* Issa chif naghmel, x'nibda ingheidlu?

FIL. Signura jen nistenna izied ?

AN. Kassast ragel ihor, issa ghandi tmienia.

FIL. Signura, ibaghtu jorkod lil huch, mela camra colla carti ; ilu ikassas irgiel min filghodu.

PAO. Iscot Menu ghax telliftni x' cont keghda nahseb.

FIL Inti tahseb u dach nifem jen barra ijncorla.

PAO. Isma Filumenu ..mur, gheidlu kaltlech...... Ahiena x' dieka keghda takbadni !

FIL. Mela ech, ohrogia ! *(per andare)*.

PAO. Stenna, fein sejer ?

FIL. Ingheidlu li ghedtli.

187102

PAO. Jen x' ghedtlec ?

PIL. Ghedtli mur, gheidlu, ahima x' dieka keghda takbadni.

PAO. Dich ghedta lili innifsi.

FIL. Chem taghmel hazin signura tithaddet mannifs!

AN. Kassast ragel bit-toppu, issa ghandi disgha.

FIL. (*osservando le carte*) Ih... x'uahda din! Ara x' katta huch signura.

PAO. X' katta ?

FIL. Dic il carta li gieb dac il giavni dalghodu l' iz-ziu tighec.

PAO. (*con sorpresa*) Il cambiali ?

FIL. Ien ma nafx x' inhi !

PAO. Eh Nettu x' ghamilt b' ideich !

AN. Bl' imkass mux b' ideja.

FIL. Issa tara x' sejer icun, ghada iz-ziu ifittex il cambiala isiba ragel.

PAO. Dich il carta mnein gibta ?

AN. Min fuk l' iscrivania taz-ziu ; fadal ohra halli immur ingiba. (*per andare*)

PAO. Fein sejer ? Okghod fein int.

FIL. Hallih igiba signura, issa fein katta uahda ikatta tnein.

PAO. Iena inhossni mignuna u intom compleituni.

FIL. Signura dach barra ijstenna ir-risposta la tinsiehx.

PAO. Issa keghda nirtoghod, inkas naf x' ghandi ingheidlu.

FIL. Ghandech in-natural tighi ; jen meta incun nitchellem u nirtoghod taf x'roghda tatini !

AN. Ara f' sieku ghandu numru venti ?

FIL. Ahrak din in-Numru 20, halliha tahseb. Gib

au irgiel li ghandech imkassin, ghax ech manisprecciauha katt.

AN. (*corre per la scena*) Paulin gheidlu ihallini ghaliex ghadu ma ux lest.

PAO. Gei iz-ziu ! Nettu ahbi dauc il carti u okghod studia.

FIL. Isa Nett, eja studia (*Annetto si metle a leggere, Filomeno gli siede vicino*)

SCENA II.

Sebastiano in veste da camera e detti.

SEB. (*Fermandosi sulla soglia*) Bravu, kighed jistudia!

AN. (*compitando*) Al...za, alza.

FIL. Ma igheidc x' zalza hi ?

AN. (*c. s.*) Elle è, le ; emme a ma, enne i ni mananni.

FIL. Nafa, di li tokghod hdeina.

AN, A elle al—c i e cie, elle o lo, Cilia

FIL. Ibieh il faham, nafu ucoll.

SEB. (*avanzandosi*) Inti kighed tistudia inchella kighed tilghab ?

AN. Menu, ara au moghza impingiuta fil chtieb !

SEB. Signor no, dana ma ingheidlux studiu jen ; l' istampi li fieh il ctieb biex dach li takra toun taf x'inhu.

FIL. Sigur ! Ghalech ipingiu il moghoz fil cotba.

SEB. (*a Paolina*) Ilu ijstudia uisk Annettu ?

PAO. Xi sigha.

FIL. Ih chem ilu izied ;- ilu mil erbgha ikaskas il carti...eh...jistudia il carti.

SEB. Bizzejed, tistghou tmorru torkdu, ghaliex

ghandi bzon nistrieh chmieni...Int Paulina, m nafx chif kighed narac, x' ghandec ? Ghad ser icun it-tieg tighe mas-sur Remidlu chie imissec cuntenta u dahkana mux kalbec seuda.

Fil. Jena naf x' ghanda ; ghaliex Nettu mela i camra collha carti u sturdiela mohha u imbagh riedet tibghatni... (*Paolina gli fa cenno a tacere*)

Seb. Fein riedet tibaghtec ?

Pao. Dac taf x' igheid.

An. Irbat ragel min ghonku !

Seb. Iscot int. (*a Paol*,) Fein ridt tibaghtu ?

An. Ziu ser immur norkod.

Seb. Mur orkod, spicciani.

An. Irgiel naghmilom taht l' imhadda ?

Seb. Aghmilom taht l' imhadda. (*a Pao.*) Fei cont seira tibaghtu lil Menu?

An. Ziu, benedizioni.

Seb. Lilec kighed nistaksi Paulina.

An. Ziu, ziu benedizioni ziu.

Seb. Sturdeitni ...benedetto, mur spicciani.

Fil. Mur orkod la kallec benedittu.

An. Ziu, issa chiecu inti cont tal carti ma cont inkasksec ucol u norbtoc min ghonkoc.

Fil. Hmar l'inti tkaskas lil ziuch, imbaght ch icun jista ijlbes ?

An. Ziu, ziu...

Pao. Bizzcied, sturdeitni.

An. Ziu seier norkod iileila biex ghada nilbes t Carnival.

Seb. Ahrak din il Carnival u min inventah uc (*caccia via Annetto*) Hlisna min uihed.

Fil. Nisthainec striht minnu signur.

SEB. Mur int ucol, hallich mil paroli.

FIL. *(va a sedere, prende il libro osservando le stampe)*

SEB. Cun af Paulina jena marrido narac kalbec seuda. X' inu li ghandec!

PAO. Keghda nahseb ghaliex il giurnata ta-tieg tighi uaslet malair.

SEB, Imissec actar cuntenta li uaslet malair.

PAO. Il cuntrariu, ghaliex din il qualità ta zuieg ma hix ghal kalbi; jena lil gharus irrid incun nafu almenu xahrein kabel, mux uara darbtein li raitu ingheid signor si.

FIL. *(viene avanti col libro in mano)* Ara ziemel kighed ijttomba zeug papri!

SEB. Narrach imgharrak x'katgha taitni!

PAO. Ibaghtu jorked lil dan ucol.

SEB. *(lo prende per l' orecchio)* Ara ziemel kighed ijttomba lil uidintec.

FIL. Ah...ah...kighad t'ueggiaghni signur.

SEB. Barra u nehilsuha. *(via Fil poi torna)* Mela ijgifieri cont keghda tgheidli illi ma hux piacir tighec dan iz-zuieg, ghaliex lil gharus ma raitux hlief darbtein, Tifem inti li chiecu jena ma contc altru la persuas mis-sur Remidiu cont sejer inhairec biex tiehdu b' gharus tighec.

PAO. Dana nafn, bontà tighec. Izda il ghazla ta dan il gharus li tant ghogiob lilec, tista taf per esempiu....

FIL. *(col libro)* Ara hakk! ghidia keghda tiecol il busbies.

SEB, Int Filumenu jeu demoniu? Barra...

FIL. Signur illeila sibt il Carnival cont biex nitolbec...

SEB. Appuntu faccartni...il bieb ta barra ux maghluk seua ?

PAO. Maghluk iva.

FIL. Le, m' ux maghluk.

SEB. Iva jeu le ?

FIL. Jena le ghedt.

SEB. Ingheid ahiar ingib hmar iservini flococ-mur aghalku nehilsua (*Fil. per andare*) Sten ftit, ninzel naghalku jen li ma ijnkalghux xi tentazioni ta mascarati ; dazzmien sibt il Carnival sar aghar mit-tliet tijem l' ohra, johorgiu hafna demonij ghal fastidiu. (*via*)

PAO. Kighed tara x'ghamilt bil chelma zeida li ghedt ? Issa chif ser taghmel biex tiehu risposta lil Uigi ?

FIL. Ghandec tgheid chif nohrog issa biex immur il ballu mighu ?

PAO. Lilech sejer jehdoc il ballu ?

FIL. Mela x' jaghmel ! Ara ucol chrieli libsa ta ma nafx x'inhi, halleita fil camra tighi.

PAO. Issa x' fehsiebec taghmel ?

FIL. Jena ninzel b'habel mit-tieka tighi !

PAO. Ghar-risposta keghda nistaksic x' fehsiebec taghmel.

FIL. Chif ghedtlec, ara din ! La ninzel jen mit-tieka ma tinzilx ir-risposta ucol ? Ara xi trid tibghat tgheidlu halli nara ninzilx min issa.

PAO. Gheidlu collox fuk, fuk.

FIL. Mela sejer (*ripete le parole*) Collox fuk fuk.

PAO. Stenna mignun, tfixchilnix.

FIL. Collox fuk fuk, collox fuk fuk, Jahasra tantc tgheidli chliem uisk ghax ninsa collox, collox fuk fuk...

PAO. Iscot....Gheidlu jena l'ittra kraita, infurmata tajeb b' dac li sejer jaghmel, biss gheidlu ijndocra li ma jaghlix.

FIL. Fimtec jen. (*per andare*)

PAO. Chif sejer tgheidlu ?

FIL. Ingheidlu kaltlec collox fuk fuk, ghaliex ja infurnata tajeb; u kies li dach li sejer issajar ma jaghlix.

PAO. Iahasra x' ciaflis sejer tnizzel migheo mittiekal X' inhi infurnata ? Min semmielec tisijr ? (*corre per la scena*) X'uahda din ma keghda inhabbat rasi jen !

FIL. Ara hak, chem ahna heluin illeila !

PAO. Mela dana destin tighi! Mur min kuddiemi gheidlu jaghmel dac li irid hu.

FIL. Iugheidlu kaltlec aghmel dac li irid is-sur Bastian.

PAO. X' Bastian hu ?

FIL. Ara x' Bastian hu ? Iz-ziu tighec, Iz-ziu Bastian mux hu, mela min hu hu ?

PAO. Filumen,aghmilli piacir titturmentanix izied, la tmur xein, hallieh ihauad, hallieh ighassed li irid hu ; jec jaghmel xi frogia, xi ftira, hallieh igaudiha hu. (*siede come abbattuta*)

FIL. (Raitc chif fimta seuua fl biccia ? Is-sur Uigi ha l' incarigu tal ballu u mar isajar.) Signura jena sejer nilbes ta mascarat u ninzel chif ghedtlec mit tieka liebes u collox, u ingheidlu sajar dac li trid int, ftira, frogia...

PAO. (*alzandosi furibonda*) Mur ... mur ghettlec ghax nisfoga fic.

FIL. (*via correndo*) Dan carnival li gei fukna !

## SCENA III.

### Sebastiano e detta.

SEB. Dach il goff ta Filumenu ghala hareg ijgri ech, chien xehitni mal art ?

PAO. Checceitu, ghaliex sturdieni ijtchellem uahdu.

SEB. Paulina, inti il ghala ma tmurx t'istrieh ?

PAO. L' inkas hsieb li ghandi immur norkod.

SEB. Mur, la tahseb xein, iz–ziu tighec ma ijttradichx tibzax; jen irrid inkeghdec taiba actar milli tifem int.

PAO. (Ghadom id-disgha, fadal tliet sighat ohra ghal nofs illeil.)

SEB. Tahseb xein, nehhi il fantasia mir rasec.

PAO. (Jec Uigi ifallilu il hsieb li ghandu, mur ara x' isir minni !) Ziu, jena seira (*coprendo il volte col fazzoletto*)

SEB. Jena mar–ridc narac sejra ech,irridec allegra; ghada ser icun ittieg tighec, x' igifieri dassuied il kalb ?

PAO. Kalbi ma tridc hlief tisfoga fil biehi !

SEB. Naf, ghandec ragiun, ghaliex seira t' infired minni li tant habbeitec: u nibka inhobboc avoglia ma tcunx mighi. Jena phalec kalbi trid tisfoga fil biehi,imma kighed invinci chem nista.

PAO. Ziu...jena seira tafx. U aghdirni ziu...Bonasira—(*resta immobile, guardandolo senza proferir parola*) Seira tafx...(*via*).

SEB. Xein ma toghgiobni illeila Paulina ; Din il harsa li tatni issa keghda t' inquietani ! Però naghdira, ghanda ragiun. Eh chem hi ghazla

ghiefra din taz-zuieg! Naghdira iva naghdira. (*mette in testa il berretto da notte*) Halli nistrieh ftit ghax ghandi bzon; ghada irrid imbaccar ghmieni. (*pensa*) Kighed ingheid li ma sibtc is-sur Remidiu refaghni bil ghoxrin elf scut li silifni, chiecu di darba cont naghmel laetar figura chergha. (*si corica*) F' cors ta erba snin zeug fallimenti fuki uihed aghar mil ihor (*odesi un accordo di violini*) Innies idokku, ijxxialau, u jena norkod (*comincia la musica*) Carnival...Ahima x'carnival fadal f'Malta!

Lui. (*voce da fuori*) Cullura.

Seb. (*alzando la testa*) Din cullura x' ijgifieri? Il-leila x' gei?

Voce Cuntrari... Allegri...avanti sempre

Seb. Issa ahna sbih! Orkod Bastian! (*alzandosi*) Dan il ballu ghand minhu? (*apre la finestra*)

Voce Finta uahda...ohra...facciata...

Seb. Jen sur è irrid norkod

Voce Alimanda....

Seb. Nixtiek naf min hu li crielom bi dritti.

Voce Finta ohra.

Seb. Bomba mux finta, ghal istoncu taghcom. Hu gost Bastian.. orkod biex tbaccar!

Voce. Uihed, tnei, tlieta, erbgha ohrog Censu.

Seb. Tghaiatc sur hmar ghax haun min irid jorkod.

Voce Bravi ballerini! Innisa buzzun, avanti.

Seb. Liicom kighed ingheid o pastasi, aghalku it-tieka ghax irrid norkod. (*il ballo seguita*).

## SCENA V.

### Filomeno ed Annetto da mascherati, indi Luigi e Vittorio dalla finestra.

FIL. (*bussa la porta*) Iftah signur.

SEB. Min em, x' inkala?

AN. Ahna ziu iftah.

SEB. Xi tridu?

FIL. Iftah jech ghandec signur ghaliex ghandi bzon inchelmec.

SEB. Halli nara naksamx ras dan issa (*apre*)

FIL. Signur gheidlu jokghod quiet lil Nettu ma jatinix fastidiu!

AN. Ziu chien niezel b'habel mit-tieka!

SEB. Jena camarti x' lahket? Aun x' mortu il-bistu? Akalghu il barra demoni (*affacciandosi alla finestra*) Lilcom kighed ingheid; aghalku it-tieka ghax illeila tispicciaua hazin mighi (*la musica si ferma*)

LUI. (*dalla finestra della casa vicina*) Lil min kighed tgheid signur?

SEB. Lil uihed mincom. Dina insulenza li uihed irid ijstrieh ma ijstax bid dak taghcom. Jena irrid norkod.

LUI. Orkod meta nispicciau.

VIL. Ahna sal erbgha ta fil ghodu nibkghu seirin.

SEB. Il ghala sal erbgha ta fil ghodu?

LUI. Ghax ech jusau fil ballijet.

FIL. Irhili signur halli inghajarom jen. Il ghala ma tridux jorkod lis-signur o sur Dundian?

AN. Halli nara id-dundian ziu.

SEB. (*a Fil e Net,*) Morru ghand ixxiaten int-

VIT. Jec trid torkod actar comodu mur ieri il campagna.

LUI. Chien jonkos xi buzzieka ihor biex ijmpedina nisfnu fil carnival !

SEB. Lili buzzieka ?

FIL. Lilna buzzieka ja mascarati pastasi.

AN. Il buzzieka haun, huda ziu.

SEB. Hallini int xitan.

LUI. Aghmel tajara f'uidintec forsi torkod.

VIT. U hallic minnu gheidlu jaghmlilna citazioni.

SEB. Insulenti...malcreati, facchini.

FIL. Facchini, malchiriati, insulenti, pastasi.

SEB. (*chiude la finestra*) Hudu ghal uiccom ghax ech ijxirkilcom.

FIL, Iftah signur ghax ghad fadalli x' inghedilhom.

AN. Iftah, halli nissuttahom bil buzzieka.

SEB. Nispicciauha fil mnighel (*a Fil.*) Inti il ghala int liebes ech ? (*Annetto corre per la scena*)

FIL. Ghax din il libsa crieli...

SEB. Min crielech ?

FIL. Signur sictu lil Nettu, kighed jatini bil buzzieka.

SEB, (*a Net.*) Inti il ghala m' intix rieked ?

AN. Jena imkajem ziu!

SEB. Ohorgiuli barra ittnein.

FIL. Ghedtlech sichtu lil Nettu signur, sturdieni bil buzzieka ma uicci. Af nidghilec l' iblah (*bussano la porta di fuori*)

SEB. (*piglia un guanciale per gettarlo a Netto*) Jena ilhakt pulcinella taghcom !

AN. Ara izziu kighed icheccina bl' imhadda !

## SCENA V.

### Paolina e detti.

PAO. Ziu ..

SEB. Ilka l'ohra ! Issa ahna il coll; x'inkala ?

PAO. M' intomx tisimghu il bieb ta barra, ghoddom chissruh bit-tahbit.

SEB. Fein keghda tisimghu da l'bieb ?

PAO. (*bussano*) Isimghu xihabbat.

FIL. U dan il mastrudaxxa ta tahtna, kighed jahdem xi hagia ghal carnival.

PAO. X' taghmel ziu, tinzel tiftah int, jeu tibghat lil Menu ?

SEB. Ma nibghat lil hatt, il bieb ta barra il -leila ma ijnfetahx (*forte*) u morruli il barra mil camra tighi, barra.

FIL. Isimghu x' inhu igheidilcom : barra colhatt.

SEB. Leuuel uihed int, seira.

AN. (*bussano*) Isma, isma ziu, cos ghanda ragiun Paulina, bil gebel keghdin ihabtu.

SEB. (*a Fil.*) Ha il muftih; kabel xein staksi min, jech tara li huma mascarati gheidilom is-signur rieked; jech em xi hatt irid lili ghal xi hagia irhilu ighaddi.

FIL. Narrac imbierec signur taf tirragiuna (*via*

SEB. (*a Pao.*) Meta ma tcunx int icun huch, meta ma icunx huch icun isseftur, meta ma icunx is-seftur ijnkala xi xitan ihor, sa frattant jen ma ghandi l'ebda mistrieh bicom. Dina haja tighi ? Jidirlcc li jena ghandi insofri dan collu ?

PAO. Naf ingheidlec li coll ma ijgrilec deijem ghandi ninsab jen mal katta.

An. Ziu, gheidilom icomplu idokku halli nisfnu.
Seb. Ara ma ngheidleex x' jaghmlu ! Mur or-kod nehilsua.

SCENA VI.

Filomeno e detti.

Fil. Chem dahhalt nies signur! Em hafna ma-scarati isfel ijstenneu u tnein telghin. Kabel ma ftaht ghedtilom intom 'mascarati ? Kaluli lè iftah, allura ftahtilom; chif dahlu uihed min-nom ixxabbat mad-dielia li ghanna fil bitha u chisira.
Seb. Eh x' ghamiltli !
Fil X' ghamlù huma ! Chien em ihor rafa lil uihed biex jakbad il fanal tal intrata, iddendel mighu u baka niezel bih, chissru, u il fanal sar frac.
Sea. Int...int xitan !
Pao. (*a Fel*) (Issa il uakt li tohrog u mur ati ma-lair ir-risposta lil Uigi.)
Fil. (Leuel halli nara daun li geijn x' iridu),
An. Ih, ziu ara x' gei ! Ghaddu, ghaddu!
Seb. Narau lil min mar dahhalli da demoniu.

SCENA VI

Luigi e Vittorio da mascherati e detti.

Lui. Geit biex bona grazia tighec ...
An. (*ballando*) Bravu iz-ziu Bastian giebilna il mascarati min nhar is-sibt !
Seb. Okghod quied Net halli nara x'iridu. Paulina hu lil Nettu mighec u morra fil camra taghcom.

LUI. Hallihom, m' umiex jatuna fastidiu (*piano a Pao.*) Jena Uigi ghandi bzon inchelmec.

SEB. (*a Pao.*) Smaitni x' ghettlec?

PAO. Iva seira (x' uahda din, x' giè jaghmel Uigi dal hin!)

AN. Ziu, ixtriomli daun il mascarati!

FIL. Mela daun tal carti! Non è sargo bastanza da tifel signur.

SEB. (*a Lui.*) Nista naf x' inu li tridu? Cioè kabel xein nehhu il mascra ghax irrid naf min dahal geua dari.

LUI. Galantomi sur Bastian!

VIT. Conna u ghadna, avoglia bil mascra.

AN. (*alle maschere*) Intom ghal maghna illeila.

SEB. Paulina ghedtlec ithol geuua int u Nettu.

LUI. Ma ghandochx bzon tibghata geuua; ghad li ahna liebsin ta mascarati nafu ingibu rispett fein em in-nisa.

VIT. U fein em irgiel ucoll.

SEB. Dina affari tighi, ma t' indahlux fiha intom. (*a Pao*) Ghedtlec ithol geuua.

LUI. (*consegna una lettera a Pao.*) Mur u aghmel dac li em mictub fl' ittra.

FIL. Morru geua, au jen tibzghux.

PAO. Mur orkod int, ghax tehel ma rasi sigur. (*via*

SEB. Ma emx bzon nargia ingheid, nehhu il mascra biex nistghu nithadtu seua.

LUI. Isbah din, mela x' naghmlu (*cava la maschera*) Geit biex jeo joghgboc tatmi suddisfazion ta lahhar erba chelmiet li ghedtli.

SEB X' erba chelmiet uma?

LUI. Ghadec ma gharaftnix?

SEB. Signor no.

LUI. Jena dac li inti mument ilu ghaiartu mittieka. Hatt ghadu ma sabbatli tuieki ma uicci!

SEB. Sur è, ftacar li inti kighed f' dari.

VIT. Ma giara xein, itolbu scusa lil xulxin, nixorbu xi hagia u immorru.

FIL. Ahna ghanna x' nixorbu ma emx bzon t' istedinna!

SEB. Jena tlabt li taghalku it-tieka u xein izied.

LUI. Mnei sa fein naghalku it-tieka?

VIT. (*cava la maschera*) U ma giara xein, hudu jd-b' jd.

SEB. Int m' intix il parrucchier tighi?

VIT. Vitor, biex inservic. Jigifieri jena cont kighed inkassam il contradanza u inti sicchitna. Inti sur Bastian scusani inkast ftit.

LUI. Mux ftit, uisk, tghajarna pastasi!

FIL. Intom mux ucoll ghajartuna?

SEB. Iscot int, halli min ijthaddet.

LUI. F' liema codici sibta, li ghax id dak jati fastidiu lilec buzzieka, ghanna nipprivau ruhna mil balli?

FIL. Leuel ucol kalulec buzzieka signur.

VIT. Cicci quiet int.

SEB. Lilcom min impediccom li mad dokkux Morru dokku u isfnu chem il frighen tridu, aghalku it-tieka xein izied.

VIT. (*a Lui.*) Ahna nistghu naghalku ittieka chif kalilna, x' nitilfu?

LUI. U bonu, naghalku it-tieka; ijtlobna scusa talli ghajarna.

SEB. U intom talli ghajartu lili.

UNIVERSITÀ MELITENSIS LIBRARY

VIT. Bravi collox isseua: nixorbu u immorru.
FIL. (Chem ghandu icun sicrau dan il parrucchier)
SEB. (*a Fil.*) Mur gib tliet tazzi u il flixcun tal brandi, cos okghod halli immur jen li ma tiesiromx. (Orkod Bastian! (*via*)
LUI. (*a Fil.*) Idhol gheid lil Paulina tigi malair.
FIL. Ux!
LUI. Mela ma gharaftnix?
FIL. Mela ma gharaftecx. Inti m'intix is-sur Uigi tal ittri?
VIT. Dan già lakkmec!
FIL Paulina geja ma Nettu.

## SCENA VIII.

### Paolina, Annetto e detti

PAO. X' uahda din Uigi, x' coll hagia t'invinta!
LUI. Aghmel li em mictub fl' ittra, il bkia halli nahdem jen.
PAO. Chif nibda naghmel ta mignuna?
VIT. Trid gherf biex taghmila ta mignuna?
LUI. Ma ghandec xein ghax ticconfondi; iffitta fuk hagia u ibka semmi dejem lilha, per esempiu fuk il Carnival, gheid li issena collha trida Carnival, libbes lil ziuc ta mascarat, insomma hauad int mil ahiar li tista.
PAO. Ma nafx ninkalax!
FIL. Ara bi tliet tazzi gei, ahna sitta!

## SCENA IX.

### Sebastiano con tre bicchierini

AN. (*Balla intorno allo zio*) Bravu iz-ziu Bastian illeila ma norkdux, nixorbu bis!

SEB. Iscot Nett ghax ser taklibli it-tazzi (*a Pao.*)
Aun x'geit taghmel int ? (rati.
PAO. Nettu ried ijgi bil fors, aun biex jara il masca-
SEB. Mela ijgifieri dac li n' ordna jen ma iservi ghal xein.
PAO. Basta ma giara xein, ux tridni immur geuua arani seira. (Seira immur nitghallem ftit is-sengha ta mignuna,) Imxi Nett biex torkod, u ghada tkum cmieni.
AN. Seirin ziu, eja maghna Filumen. (*viano*)
FIL. Issa uakt ix-xorb, mur uahdec.
LUI. Jigifieri sur Bastian ghandec il gharajes an-kas cont nafjen !
SEB. In-neputia tighi, it-teieg ghada: ixorbu.
LUI. Bravu, ghandi piacir.
VIT. Seira tiehu lis-sur Remidiu.
LUI. Remidiu ... Remidiu ... Eh ! bagatella ragel tajeb, nafu, bella scelta avete fatto sur Bastian ;
VIT. (Actar int ser taghmel bella scelta)
LUI. Allura sur Bastian chellec ragiun trid torkod izda f' hagia eoh stait ghedtilna.
SEB. Ridtuni ingheidilcom halluni norkod ghax ghada sejer inzeueg in-neputia ?
VIT, Le mux xierak, ghax forsi conna indokku u inghaitu izied.
SEB. Ux ! sur galantom l' int !
LUI. Nixorbu, hallina min dan issa, collox irrangiat (*prende un bicchiere l'offre a Vit.*) f' idec Vitor halli innehhulu l' incomodu (*prende un altro per lui*) Ma nghidlec xein sur Bastian, bis-sahha tighec u ta neputia, u nispera li Jan iz-zuieg ighaddi il koddiem chif nixtiek jen (*beve*)

VIT. U l' istes jen(halli indahhal is-senseria (*bev*
SEB. Grazie uisk... bis-sahha taghcom. (*beve*)
FIL. (Xorb ghal tlieta, erbgha mnein ? Filomenu ihares).

## SCENA X.

### Filomeno e detti.

AN. Ziu, Paulina sturdietni, keghda takbes f'nofs il camra, libset il cappel tighec, ghamlet il velu tahha fuk uiccia keghda tgheid li hìvistusa ghal Carnival ghax mietlu il giuvedi gras.
LUI. (*a Vit.*) Bedghet tahdem.
SEB. Almenu nehhiet il buli li chel'a. Emnuni li dal jumein seuditli kalbi.
LUI. Sur Bastian ahna seirin; hallieh ijgi maghna lil Nettu.
SEB. Le. m'ux xierak; min ijnducrah ?
VIT. Meta em jen tiehu hsiebu xein.
SEB. Huduh meìa, basta t ehdu hsiebu, fuk collox nir-racmandalcom li ma tatuhx ijxrob.
LUI. Int chem hsibtna boloh ?
AN. Ah hei, sejer il ballu ta bi drittna ! (*balla e rovescia le sedie*)
LUI. Sur Bastian il leil it-tajeb, Nettu tiehu hsiebu xein (*via*)
VIT. Signur a rivederci.
SEB. Tinsiex tigi ghada biex tidfor lil Paulina,
VIT. Is ! dan chien jonkos ! (*via.*)
FIL. Jen ma murx signur ?
SEB. Fein trid tmur ?
FIL. Lil Nettu ghax bghattu ? Issa min jehu hsiebu kalb dauc il hafna mascarati ?

EB, Ma nafx hallini minnech. Lil Nettu mux jena bghattu, haduh uma. Bilhak inzel ara il bieb ghalkuhx seuua. Xein...xein halli ninzel jeu u intalla il muftih mighi (*via poi torna*) (*la musica suona polka*)

L. Mur, mur! Billi taghlak il bieb ma nafx ninzillec mit-tieka.

N. (*dalla finestra opposta alzato in aria dalle maschere*) Fiiumen, eja; chem aun sabih. Già tauni nixrob.

L. Iz-ziu niezel jaghlak il bieb ta barra u jen dal uakt ninzillu mit-tieka (*Balla la polka colla sedia; inavvedutamente urta con Sebastiavo nel mentre che entrava*)

B. (*cade per terra*) Hares uraic xitan!

L. Nett, iz-ziu uaka flart.

ICI (*dalla finestra*) Hurra! hurra! viva il Carnival!

. (*sventola un fazzoletto che avrà in mano*) Hurra!

B, Inducrau li ma tuakghuhx!

L, (*Balla sempre fino al cader del sipario*) Tumbla lira...

FINE DELL' ATTO PRIMO.

# ATTO SECONDO

Sala elegante con porta di prospetto e due lat rali. In fondo un tavolo con l' occorrente p scrivere. SEBASTIANO in abito da gala, cer nel suo portafoglio con inquietudine la cambia che avrà perduto.

## SCENA I.

SEB. Jena ma nafx fein nibda nati ras Chem jena sturdut ...Iva ma niftacarx fein k ghidta ?...Ghal ament tighi keghedta f'din cartiera...illè, mux fil cartiera, ijdirli li ippu giata fuk l' iscrivania ... Signor no. (*pens* Min em irgiait hatta u keghedta ...keghetta fein keghedta ? Iva ma niftacarx fein keghedt

## SCENA II.

### Paolina e detto

PAO. (*cammina a gran passi senza badare lo zio* Signor no....isma x' kaltlec ! Signor si... me x'inu, sigur li nohrog ! (*guarda per ter* Puli, puli, puli ! Ara chem hamiem ghanna

SEB. Paulina, jena halleit xi cambiali fuk l' iscr vania tighi?

PAO. Si signore.

SEB. Feina ?

PAO. No signore. Il carnival taghna fein k ghedtu ziu?

SEB. Fuk il cambiali kighed nistaksic jen, halli mil Carnival.

PAO. Meix, meix. Ara izzarbun tighec sar kattus ziu Bastian.

SEB. Ma ghandix aptit ta ciait tighec Paulina, Nettu ma dahalx fil camra tal istudiu tighi u messli xi carta ?

PAO. Ara gei zeppu ! geja xiha...ara Grez...Grez ohra...Hu, hu, hu, ghaddu ghaddu. Ara collha geijn ghanna daun il mascarati !

SEB. (*fissando gli occhi sopra Paolina*) Paulina, hares leja ftit; dan xi cliem hu li keghda tgheid dal ghodu ?

PAO. (*scostandosi*) Ara iz-ziu tighi sar barumbara ! Ih chem ghandec hamiem !

SEB. Jen barumbara sbieh ahna dal ghodu ?

PAO. Ohti feina ? (*più forte*) Ohti feina ghedtlec?

SEB. Mela int xi darba chellec ohtoc ? (Dana m' ux cliem ta uahda f'sessiha ?)

PAO. Ih, chem hergin mascarati mis-sidria tighec! (*fissando gli occhi per terra*) Oh...bravi ! bravi ...ghaddu, merhba bicom, Ara Ninu! ara Nina! ara Pinu ! ara Pina ! Ih chem Nini u Pini ! !

SEB. (*Da un colpo sulla testa*) (X' uahda din maghmula il biccia tighi, tilfet rasa ! Icolli nibghat malair ghal tabib?) (*chiama*) Filumenu, Filumenu.

PAO. (Mishuta l' imhabba chem keghda iggiaghalni naghmel hmerijet.)

SEB. Asal Filomen, ghax ghandi bzonnoc.

SCENA III.

Filomeno e detti.

FIL. Aun jen sur Bastian.

PAO. Ara Filumenu sar Pappagal!

FIL. X' sirt? Ara ma ngheidlecx x'jen. Sig[i]
gheidila ma taklaghlix lakmijet.

SEB. Hallini int, tcomplinix. Mur malair gh
lit-tabib ijgi.

PAO. *Prende per mano Seb.*) Sur Barumbara,
ghed tara em x'em? (*indicando il pavimen*
Kighed tarahom ghaddeijn?

FIL. Min hu ghaddei?

PAO. (*dandogli uno schiaffo*) Mux lilech.

FIL. Din chem hi pas...

SEB. Mur fein bghattec.

FIL. Halli nara x'inhi tara, sur Bar...e sur I
stian.

PAO. (*a Seb*) Ara em carrozza....ohra...caless[i]
mara liebsa ta dominó (*portandolo alla pa*
*opposta del proscenio*) Inti tarahom ijsfn[i]
Cumitiva!

FIL. (*ride*) Ara innemel kalet li hu Cumitiva!

SEB. Daluakt inhabbat rasi mal hait!

FIL. Mux tas-seu signur, ma hu ghaddei hatt!

SEB. Paulina, iva gheidli x'inù li thoss?

PAO. Feina ix-xemx? Gibuli ix-xemx ghax i
rid illibisa ta mascarata.

SEB. X' uahda din! Maghmula il biccia tighi.

FIL. (*ride*) T' inquieta xein signur, mela ix-xen
tista tilbes?

PAO. Uarbu min koddiemi ghaliex seira inti
mitla hdein ix-xemx u illibisa (*via correndo*)

FIL. Signur dan xi chem hu tas signura Paulin
katt ghadni ma smaita tithaddet ech?

SEB. (*Passeggia impaziente*) Hallini t'inquietani

FIL. Ech ma ghandiex it tir chif kalet, t'inxtehet min x'imchien !

SEB. (*da se*) Chif nibda nilka ruhi mas-sur Remidiu x' hin ijgi ? X' nibda ingheidlu jech ijnduna illi Paulina hasset mohha ?

FIL. Signur, il coch kalli thallinix uahdi, iridni nokghod mighu fil chcina.

SEB. (*da se*) X' disgrazia, x' uahda din ! x' carnival gie fuki !

FIL. Katel dundian fieh uizintein !

SEB. (*c. s.*) Cont tant cuntent b' dil gharusia, collox tar mar rih !

FIL Ghamel tumbata tal imkarrun trid seba ghainein biex taragha.

SEB. Frattant jen kighed aun, u dic min jaf fein marret; ghanda mnein tinxtehitli min x'imchien. Filomenu, okghod aun, tillargax kabel nigi jen, ghaliex dal hin gei is-sur Remidiu mar-ridux ma isib lil hatt.

FIL. Mela ha il muftih signur.

SEB. X' muftieh hu ?

FIL. Tal camra tighi.

SEB. Dal muftieh tal camra tighec x' nambih ?

FIL. Ghaliex jen ghalakt lil Nettu fil camra tighi biex ma jatinix fastidiu (*gli consegna la chiave*)

SEB. Taf chem ser nigbet eh !

FIL. Ma emx bzon ; malli tati daura ijufetah il bieb tal camra tighi.

SEB. Actar jen ucoll kighed nitlef izzmien mighec! Halli nara dic fein marret (*via a destra*)

FIL. Issa narau la ijgi innutar x'igheid, isib lil gharusa mignuna !

## SCENA IV.

### Remidio e detti.

FIL. Merhba bic sur gharas taghna.
REM. Is-signur feinu ?
FIL. Dal uakt icun aun (*dandogli una sedia*)
REM. Mux aun ?
FIL. Chien au, dal uakt gei.
REM. Ghala ma taf xei (*siede*)
FIL. Cos dal-lei jen mort il ballu, inzilt b' hal mit-tieka.
REM. X' ghedt issa ?
FIL. Ghedtiec jen mort il ballu.
REM. Min mar il ballu ?
FIL. Jen u Nettu hu Paulina.
REM. Inti, Nettu u Paulina eh ! Pussibli ech . t lef rasu is-sur Bastian ? Is-signur gie ucol ?
FIL. Iva.
REM. Ta jex chien liebes ?
FIL. Ta hafna ilbies isued.
REM, Ta torc isued eh ? U ma stahax ijlbes torc isued fl'età li ghandu ! U Paulina x'libse
FIL. Jena ilbist ta albanis.
REM. Ta Albanisa libset eh ? Galantom is-su Bastian, dac li tant uisseitu ma jaghmilx, gh mlu a mio dispetto. Bravu xi pxara sabil taitni dal ghodu! Natih erba chelmiet ch imiss jech naf li x'naf (*alzandosi*)
FIL. Dach ichel li chien em, u licuri !
REM. Chien em signuri eh? Gheidli, gheidli mi chienu ?
FIL. Chien em caghac tal ixcunvat...

EM. X' avucat hu ?
L. Chien em brandi, af in af bil mishun, cafè bil halib ....
EM. It-tabib...x'tabib hu ? Gheidli gheidli.
L. Cafè bil halib ghettlec, mux tabib ! Chien em torti tal helu; kobbait abiat bil pistacci...
EM. Appuntu dac hu : giuvni abiad bil mustacci
L. (*ride*) Pistacci, mux mustacci.
EM. Nafu, nafu, ma emx 'bzon targia tgheidli; x' izjed fadal ! Leiljet it-tieg jesponi in neputia liebsa ta Albanisa f ballu kalb hafna giuvintur: u ma min lakkahha, mat-tabib, dach li jaf li ghandi x' ingheid mighu jen.
L. Ghandec tcun m' intix tifimni collox.
EM. Taghmel seuua ma tgheidlix collox, ghaliex inquietaitni bizzejed bil ftit li ghedtli.
L. Jakau int ftit u xein trux ?
M. Ma ingheidlux tehux hsieb.
L. Dan ciaflis !

## SCENA V.

## Annetto e detti

I. Raitc Men chif fetahli iz-ziu avoglia int ghalaktni !
L. Sur Meridiu, sejer ingheid lis-signur li inti iun. (*via.*)
M. Iva...Min jaf x' kalli mort ghedtlu iva ? Halli niehu xi hagia min ras dan issa. Ersak il au Annettu halli narac ftit (*accarezzandolo*) Gheidli x' minna ohtoc Paulina ?
I. Jena dal lei cont il ballu.
M. Naf, naf li mort il ballu.

An. Inti il gharus ta ohti Paulina ?

Rem. Naf ucol li mort ma ohtoc Paulina. Dan i cliem kighed inhossu collu phal labar geua kalbi

An. Ohti keghda tchisser coll ma issib koddiema u fil camra ueheda iddur iddur.

Rem. Naf ucol bid-duttur, kalli Filumenu. Isma Nettu (*siede*) gheidli hagia : Mad-duttur tchelmet Paulina ?

An. Mux mad-duttur; keghda titchellem ma vaset bil fiuri, u xehtitlu beusa ech (*facendo l'atto*

Rem. Brava ! tatu bucchett fiuri u xehtitlu beusa! Collox fimt; ghandi piacir li chxift min daun ittnein coll ma sar fil ballu.

An. Leuel chien ghaddei iz ziu Bastian tatu dakka ta harta.

Rem. Bravu Bastian ghamel ta veru ziu ! Mux dakka ta harta chien imissa, tnein (*akzandosi*) Xein tgheidli izied Nettu; bizzejed dac li naf. Nisfoga illum tibzax ! Mur gheid l'izziu ijgi.

## SCENA VI.

### Luigi, Vittorio e detti.

Lui. Annettu mur gheid l'izziu ijgi.

An. Ohti Paulina mignuna cos !

Lui. (*prende per mano Remidio*) Sur Remidiu ghandi piacir.

Vit. (*fa lo stesso*) Jen ucol signur.

Rem. Bong ornu signuri. (Tnein min nies ma raitom kalt, xi mistednin ghandom icunu) X'akbar ghanna ?

Vit. Ixhetielu l' ahbar.

Lui. Gheidli x' dehirlec mil biccia tan neputia tas-sur Bastian ?
Rem. Ili hafna nistennieh ma emx li ijgi.
Lui. (*a Vit.*) Xijdirlec xi guardarroba mar ghazlila lin-neputia ?
Vit. U billi ghazlila x' ha ?
Lui. (*a Rem.*) Ghedtlec bil biccia li giara, smait xein ?
Rem. Ma tantc, l' actar min din il uidua.
Vit, Durlu ghal' ohra sur Uig.
Lui. Ech ser naghmel. (*eseguisce*) Is-signuria tighec tafni ?
Reg. Xein affattu, la lilec inkas l'is-signur lihor.
Lui. Jen tabib.
Rem. Halib ? ghandi incun ma fimteix seua.
Vit. (*forte*) Kallec hu tabib.
Rem. Bravu nifrahlec, professioni toghgiobni uisk
Lui. Baghtu ghalia malair, malair, ghaliex ma nafx x'inù li girala Paulina.
Rem. Xi girala ?
Lui. Ingheid li marret ghal collox.
Rem, Harbet ?
Vit. Tilfet rasa.
Rem. Kasmet rasa ? xi fil ballu ?
Lui. (U dan ucol jaf bil ballu ?) Iggennet.
Rem. Iggennet ? Chif... dan min x' hein ?
Lui. Min x' hin, inghedulu Vitor ?
Vit. Hauad int, ara li ma naghmlux xi ciaflisa !
Lui. Ila min dal ghodu.
Rem. X' ghettli ?
Lui. Ila min dal ghodu cmieni.
Rem. Intant illum stenniet biex tiggennen! (Chem

sejer nissemma ma nies x' uahda din)

LUI. Is-signuria tighec gharus tahha ?

REM. Kighed nismahha iva ; mux ghaliex hi novità ta min ijsmahha.

LUI. Stakseitec jech ux inti il gharus tahha.

REM. Cioè ..gharus.. issa ingheidlec

VIT. Sejer ihol mil baga.

## SCENA VII.

### Filomeno e detti.

FIL. Raitu x' giara? Raitu x'giara? Raitux x'giara.

LUI. Iva x' giara spicciana.

VIT. Aklahha jech ghandec !

FIL. Is signur tani dakka ta harta ghaliex halleit is-sur Meridiu uahdu, kalli akbad cappellec u tersakx izied lil aun.

LUI. U bonu ma giara xein, chif titlak min aun eja mighi.

FIL Ech irrid jen nista ma murx, ghaliex ua kalli akbad cappellec u tersakx lilau ; jena berritta ghandi mux cappel ? (*via.*)

LUI. Bravu, ech aghmel.

REM. X' kal sur duttur ?

LUI. Ma kal xein, Dan ucol mohhu seijer mar rih.

REM. Kabdet fih ? Allura mitlufa seua.

VIT. X'gost ragel phal dan jifem collox hazin !

LUI. Gheidli sur Remidiu, dan iz-zuieg tighec chif tlakka ?

REM, X' inu li ifakka?

VIT. Cicri tal katta.

LUI. Stakseitec chif tlakka dan iz zuieg.

REM. Ah ! issa ingheidlec ; jena cont ili imhajar

ghan-neputia tighu, u appuntu dich inhar stess li irsolveit nitlobielu b' gharusa tighi, narahgei hu ghandi ijtlobni nisilfu ghoxrin elf scut; ghaliex inti forsi taf bil falliment tighu !

Lui. Naf xi hagia. (Kighed tisma Vitor, bohhielu.)

Rem. Ghedt giô kalbi, tighi hi, issa ma ijchadielix

Vit. Halli ghalich !

Lui. F'chelma uahda behhielec b' ghoxrin elf scut li sliftu, min ghair ma staksa lilha ghandiex piacir.

Rem. Sì, bil piacir;, fil mument hadli b' idi kalli tighec hì.

Vit. (Li kallec hu xein ma ighod.)

Rem. Issa x'ser naghmel jen f'di il burraxca li inkalghet? Gheid int duttur, li cont flochi int x' cont taghmel ?

Lui. Xi tridni ingheidlec ?

Vit. Hassar sur Uig, issa uaktec.

Lui. (*forte*) Inti tinsab geua hoggiegia tan-nar.

Rem. Certament biccia mil aghar!

Lui (*c. s.*) Chellec bzon issib lil xi hatt, iccedijelu

Rem. Già...fimtec...ech ghedt jen.

Lui. Il ghoxrin elf scut li slift lis-sur Bastian atiomla dota.

Rem. Naghmila dil biccia ta Remidiu li jen.

Vit. Reskin sur Uig.

Rem. Izda min hu dac il bniedem illi jehu miginuua b' gharusa tighu !

Lui. Isma ingheidlec, jena xtakt nakalghec min din in-nassa, izda irid isir tradiment fil cuntratt.

Rem. X' patt ? Jena ma ghandix pattijet massur Bastian.

Vit. (Akta kasir li ma ijbdielux.)

Lui. Sur Remidju jena tabib, dana già tafu; izda bosta rari uma dauc li ifieku mil genn. (*forte*) Jena ghandi il hila nehilsec mil biccia li tinsab fiha, nizzeuigia jen, jech ghandi il hila infeiaka tajeb, inchella nibka b' mara miginuna ma uicci.

Rem. Ahsibu sur duttur, ma nisfursacx.

Lui. Gib idec aun.

Rem. Kabel xejn halli nara dal genn tahha xinu.

Vit. Ma iridc ijtlaka minghul li hu!

SCENA VIII.

## Filomeno e detti.

Fil. Signuri isa ejeu atuna ftit ajut! Is-signur ma ijflahx ijihabat izied ma Paulina.

Rem. X' giara?

Lui. L' affari donna seria!

Rem. Giet is signura Saveria?

Vit. Daun uidnei sfaxiati!

Fil. Is-signura Paulina b' ghuda f da keghda titchellem mal inquatri; tgheidlu sur inquatru inti x'jismech; ma tirrispondix, pak, dakka fuku chissritu! Issa hallejta bil cappell tas-signur f' ida, imlietu bl' ilma, nehhiet il hut mil bozza xehtitu fih, kalet li il hut actar igheix fil chpiepel.

Lui. (*a Vit.*) Keghda tahdem ta mara!

Rem. Mil movimenti ta idei isseftur ghanda tcun chissret xi hagia; jahtieg nitlak.

## SCENA IX.

### Sebastiano e detti

Seb. (*da se*) Min ijflah ijthabat mahha izied ! Sur Remidiu scusani ghax halleitec tistenna daks ech.

Rem. (Ma stahax imur liebes ta tork isued fil ballu. ragel phal dan !)

Vit. Sur Bastian, au is-sur tabib giè biex ijtolboc scusa fuk il biccia tal ballu tal bierah.

Seb. Ua is-signur tabib ? Allura nitolboc scusa jen ta xi chelma zeida li avanzait f'uakt il corla.

Rem. (X' ahna heluin, inkas ichellimni !)

Seb. Chem chelli bzonnoc dal ghodu sur duttur.

Lui. Iakau fukjex ?

Seb. (*piano*) Ghandi in-neputia nifem jen iggennet

Lui. Is-sabreg ! Paulina....dich li chienet aun il bierah meta geina ta masearati ?

Seb. Dic collha chem hi ! ma ix Paulina izied !

Rem. (Imbaghbsa donna il biccia !) Sur Bastian Paulina feina ?

Seb. Paulina dal ghodu sebhet mohha fil carnival (chif nibda natielu il pxara ?)

Fil. Signur, Paulina geja; ara x'tigri !

## SCENA X.

### Paolina esce precipitosa avventandosi contro Filomeno.

Pao. Fein uma il mascarati li ureitec leuel ? Ij ghala chiltom...min kallec tiblahha lil grez ?

Fil. Mux tasseu ma blaitc grezzijet jen.

REM. *a Lui.*) Nibkghu chif thadditna leuel ince dijelec.) Mignuua tasseu !
LUI. (*a Pao.*)Brava compli ech sa ehem ingheidle
PAO. Dac min hu (*indicando Remidio*) Ersak li lau (*pigliandolo pel naso*)
REM. Ah...ah ..irhili imniehri.Mitlufa ghal collo:
SEB. Scherza tafx sur Remidiu (Issa mitluf collox
PAO. (*a Rem.*) Min kallec tigi iddar taghna bl'im nieher ?
FIL. (*copre il naso*) L'imnieher chif innehhuh ?
REM. Nehilsua, irhili mniehri.
PAO. (*prende Lui. per l'orecchio*) Au x'mort gibt
LUI. X'gei...lili ucol?
VIT. Hasbet fich.
PAO. Ma tafx li nobghodom irgiel bil uidnei?
FIL. (*copre le otechia*) Iss ! ragel bla mnieher u uidnei x'fih tara?
LUI. Keghda tueggiaghni xitana.
REM. X'chelli insofri floc it-tieg!
PAO. Min kalilcom tilbsu l'isued fil Carnival Akalghuli barra il coll chem intom,marridc nar beccamorti.
SEB. Gei in nutar. Issa narau chif scijer ijspicci dan it-tieg
FIL. Passa avanti sur nutar.

## SCENA ULTIMA

### Notajo e detti,

NOT. Signori buon giorno e boni festi per lor
VIT. Boni Carnovali ridt tgheid.
PAO. (*prende pel naso il notaio e lo porta fino a*

*proscenio*) Aun x'ghamjlt? Inti ucol geit bl'imnieher?

NOT. Lascia il naso per carità, zommuha signuri, ara x'ahna heluin !

REM. (Daluakt nitlak u ma ngheid lil hatt)

PAO. Inti m'intix Peppu hu Natal cugnatu ta Ghita oht Marcell siheb Claudiu dach li ibih il labar tal calzetti ?

NOT. Jen nutar, x'calzetti ta ruh fein sirt.

PAO. Mela mux int. Erfghuni ghaliex jena il gharusa tal parata !

NOT. Sur Bastian tridc tati dakka ta ghain lil cuntrat halli immur; jena ghadni ma serveit pulcinella ta hatt.

LUI. Ma giara xein sur manifcu.

VIT. Hu pacenzia ftacar li hu il Carnival.

NOT (*si mette a sedere*) Ghandi mniehri ma hux tighi ! Signori il cuntratt ma emx bzon nargia nakraulcom ghax krainieh il bierah.

LUI. Ghal chem niffirmau u arana bil lest.

SEB. Seua kal idduttur.

LUI. (*prende la penna e la consegna a Rem.*) Ghalic sur gharus, aghmel dac li ftehirnt.

REM. (*a Lui,*) X'ismech ?

LUI. Luigi Tromboni.

FIL. Sieheb il maccarunelli.

REM. (*scrive*) Jena lest, int sur Uigi ara ux seua u aghmel ismec (*gli dà la penna*)

NOT. (*alzandosi*) X'intom icciafalsu? Ech keghdin tifformau dinia bil maklub. Leuel t'iffirma il gharusa....

SEB. Dan li kighed ingheid jen !

LUI. Inti ma tifimx sur Nutar,

NOT. Chif ma nifimx ? Mela imbidlet il moda tal cuntratti ?

SEB. Jec ma ijfimx in-Nutar min ijfem ?

NOT, Questo che' dico io !

LUI. Paulina lilec imiss,

PAO Seina nagħmel 'ismi bil pinna ziu (*sottoscrive*)

VIT, Jen uihed mix-xieda (*sottoscrice*) Vittorio Stortini.

LUI. (*darà la penna a Fil.*) Ghalic aghmel ta xud

FIL. Bilhak iva (*scrive*) Filomen Puntetta. Il ghagin collu aun f'dal cuutratt, Trumbuni, Sturtini u Puntetta,

LUI. Sur Remidiu obligat, u tant ihor lilec sur Bastian.

SEB. Ma jena nifem xein!

VIT. Tibza xein dal uakt tifem sur Bastian.

LUI. (*a Seb.*) Ha akra x'ghamilna.

SEB. (*osserva il contratto*) Remidio Barlotta iciedi in-neputia tighi lil Uigi Tromboni ! Mela in-neputa tighi lahket cambiali ?

REM. Ridt tidhak bja sur Bastian, imma baka f'uccech.

SEB Dan il contratt null, ma ighod xein.

NOT. Signor no, ma ighodc !

REM. Jena il Paulina tighec cedeita lis-sur Duttur, dauc il flus li sliftec natiomla dota, marride imgienen ma nicci jen.

LUI. Fimt issa sur Bastian ?

SEB. (*a Lui.*) U lil Paulina stakscita xein hix cuntenta bich ?